MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 420/2003

**Fairs & Exhibitions Limited**

**vs**

**France Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Frar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u tmienja u disghin lira Maltija (Lm198.00) mill-konvenut lis-socjeta` attrici, rapprezentanti bilanc fuq somma akbar rapprezentanti « participation fee » fil-Home Fair tas-sena 2002 ;**
**Bl-imghax mid-data tal-firma tal-participation agreement u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-21 ta' Jannar, 2003 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Demis Scerri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tmienja u disghin lira Maltija (Lm198.00) bl-imghax legali mill-20 ta' Gunju, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 21 ta' Jannar, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------